# O ŻMIEN ĦELU...

## Ġebel mal-kosta tal-Qala
## Il-Ġebla tal-Ħalfa

■*Riċerka, kitba u ritratti minn:*
**Dr. Raymond C. Xerri**

Għaliex il-kosta tal-Qala hija unika f'Għawdex? X'hemm simili bejn il-ġeoloġija tal-Qala u l-ġebel li hemm madwar il-kosta tar-raħal tagħna? Il-ġebla tal-ħalfa hija waħda minn numru ta' ġebel kbar u żgħar li nsibu madwar il-kosta tal-Qala. Hi riżultat ta' xiex u liema elementi sawru waħda mill-isbaħ kosti f'pajjiżna?

**Il-Kosta unika tal-Qala**

Il-kosta tar-raħal tagħna hija fost l-isbaħ mhux biss f'Għawdex iżda f'pajjiżna. Dan għaliex insibu elementi ta' topografija differenti minn postijiet oħra. Dan huwa l-każ għaliex il-ġeoloġija tal-Qala hija ukoll unika f'pajjiżna, imkien daqs taħt l-art tal-Qala ma nsibu rdum u xquq bil-kwantita' u t-tipi ta' ġebel kollha li nsibu f'pajjiżna (żonqor, franka, torba, tafal) f'lokalita' waħda. Mhux hekk biss iżda l-ġeoloġija tal-Qala kif konna għidna fl-artiklu li deher fuq l-edizzjoni ta' Leħen il-Qala ta' Awwissu 1997, 'L-Irdum il-Kbir u l-irdumijiet żgħar tar-raħal tal-Qala, jifformaw parti minn diversi vini ta' art. Dawn il-vini, bħal vini fil-bniedem ikunu affettwati kull meta jkun hemm xi theżżiż jew ċaqliq taħt l-art u kif ser naraw f'din il-Gżejra jew il-ġebla tal-ħalfa hija riżultati ta' dan.

**Il-Gżejra jew il-Ġebla tal-Ħalfa**

Il-Gżejra tal-Ħalfa, ħaġret il-ħalfa jew kif nafuha aħna l-Qalin, il-Ġebla tal-Ħalfa, tinsab 65 metru 'l barra max-Xlokk tal-kosta tal-Qala fl-inħawi magħrufa ta' bejn tal-Bugħaż, (bl-Ingliz *cove*) u l-ħnejja fejn jinsabu anke l-ħwat tal-melħ. Il-kelma 'Ħalfa' hija l-kelma Maltija għal ħaxix li bl-isem propju bil-Latin huwa *Lygeum spartum* jew *esparto grass* bl-Ingliż. Il-Ġebla tal-Ħalfa hija parti mill-ġeoloġija komplessa tal-parti t'isfel jew tal-parti tan-nofsinhar tal-Qala u l-gżira ta' Kemmuna. Il-Ġebla tal-Ħalfa tokkupa żona ta' 4,800 metru kwadru ta' art. Il-fatt li tinsab 65 metru 'l barra mill-art hija indikazzjoni li nqatgħet mill-art eluf ta' snin ilu, proċess simili għal dak li għaddejja l-Ġebla taċ-Ċawl li nitkellmu dwarha f'artiklu fil-futur. Il-Ġebla taċ-Ċawl għadha qrib l-art u sa ċertu punt b'konnessjoni minħabba l-ġebel li waqa' bejn l-istess ġebla u l-art li llum għadu jifforma fi kliem il-Qalin – il-Bajja tan-Nisa. Imsejħa hekk għaliex sal-aħħar gwerra kienu jgħumu n-nisa biss.

**Il-veġitazzjoni fuq il-ġebla tal-ħalfa**

Fuq din il-ġebla nsibu żewġ tipi differenti ta' veġitazzjoni. Fil-parti ta' taħt tal-ġebla tal-ħalfa nsibu Almeridja tal-Blat (l-isem propju bil-Latin huwa *Arthrocnemum macrostachyum*) u lejn in-naħa tan-nofs tal-ġebla nsibu l-Leblieb tal-Irdum (l-isem propju bil-Latin huwa *Convolvulus oleifolius*). Dan tal-aħħar



huwa aktar abbundanti minn tal-ewwel. Speċi oħra ta' veġitazzjoni f'dawn l-inħawi huma Leħjet ix-Xiħ ta' Malta (l-isem propju bil-Latin *Limonium melitensis*) u ż-Żunnarija tal-Baħar (l-isem propju bil-Latin *Daucuc rupestris*). Iż-Żunnarija tal-Baħar hi sub-endemika għal pajjiżna, għall-gżejjer ta' Lampedusa, Lampione u Panarea li huma parti mill-Italja.

Minkejja d-distanzi li hemm bejn dawn il-gżejjer u l-ġebla tal-ħalfa dawn għandhom ekoloġija simili ħafna. Il-Gżejra ta' Lampione li tinsab qrib Lampedusa hija 700 metru twila b'180 metru wiesgħa u hija 1.2 kilometru kwadru. F'Lampione nsibu li l-veġitazzjoni u xi sub-speċi ta' annimali huma simili għal dawk tal-ġebla tal-ħalfa. Is-sub-speċi ta' annimali huma l-*Maltese Wall Lizard*, il-gremxula ta' Malta u l-qarnit b'abbundanza fil-baħar. Illum madwar il-ġebla tal-ħalfa l-qarnit naqas ħafna.

Il-biċċa l-kbira tal-parti ta' fuq tal-ġebla tal-ħalfa hi miksija bil-Leblieb tal-Irdum, iż-Żunnarija tal-Baħar, l-Orkida Piramidali ta' Malta (l-isem propju bil-Latin *Anacamptis urvillcana*), il-Kurrat Salvaġġ (l-isem propju bil-Latin *Allium melitense*), is-Sajtun (l-isem propju bil-Latin *Carlina involucrata*) u żewġ kampjuni tad-Deru (l-isem propju bil-Latin *Pistacia lentiscus*). Partijiet sostanzjali mill-Gżejra ta' Panarea, li hi t-tieni l-iżgħar gżejra wara Basiluzzo fl-arċipelago Aeoliani fl-Italja, għandha l-istess veġitazzjoni tal-ġebla tal-ħalfa. Panarea għandha 3.4 kilometru kwadru, tinsab 42 metru 'l fuq mill-baħar u b'popolazzjoni ta' 280 ruħ. Din tinsab qrib ħafna tal-Gżira li l-Qala għandha ġemellaġġ magħha, Santa Marina Salina.

**Il-Fawna fuq il-ġebla tal-ħalfa**

Bħall-gżejjer ta' Lampedusa, Lampione u Panarea, il-ġebla tal-ħalfa għandha fawna li tinkludi popolazzjoni żgħira ta' speċi endemika tal-Gremxula ta' Malta (l-isem propju bil-Latin *Podarcis filfolensis*) u varjant tal-endemiċi Dussies ta' Malta (l-isem propju bil-Latin *Muticaria macrostama forma oscitans*). L-ispeċi ta' fawna li hemm fuq il-ġebla tal-ħalfa jirriproduċu independentement mill-istess speċi li nsibu fl-art 65 metru 'l bogħod. Dan ifisser li dawn l-ispeċi fuq il-ġebla tal-ħalfa għandhom ċans kbir li matul is-snin jiżviluppaw karatteristiċi differenti u joħolqu speċi unika u differenti.

**Il-Fugass tal-ġebla tal-ħalfa u l-leġġenda marbuta magħha**

Storja tal-folkor ta' raħalna timmaġina lill-furban Tork Dragut Rais li kien tilef lil ħuh f'Għawdex matul *razzia* fl-1544. Kien jingħad minn missirijietna li ftit 'l barra minn din il-ġebla, Dragut kien ħa ġurament, għalhekk il-kelma bil-Malti 'il-ħalfa' sabiex isib lil ħuh. Hu rritorna f'Lulju tal-1551 u kaxkar lill-Għawdxin kollha għall-iskjavitu. Fuq din il-ġebla hemm fugass parzjalment preservat u li kien mibni fis-sena 1720.

**Il-ġvern ta' Malta jipproteġi l-ġebla tal-ħalfa**

Kienet il-Gazzetta tal-Gvern numru 827/02 bid-data ta' nhar l-20 ta' Settembru 2002 li skedat il-ġebla tal-ħalfa bħala sit ta' importanza xjentifika (ekoloġika) ta' Livell 1, sit ta' importanza xjentifika (ġeomorfoloġija) ta' Livell 2 u żona ta' importanza Ekoloġika ta' Livell 2 skont l-Avviż tal-istess edizzjoni tal-gazzetta. Dan ifisser li ma jista' jsir l-ebda żvilupp fuq u fiż-żona tal-ġebla tal-ħalfa.

**Il-ġebla tal-ħalfa u l-Qalin**

Is-sajjieda mill-art u l-għawwiema huma l-aktar Qalin li jkollhom kuntatt ma' din il-ġebla. Fil-fatt fil-fruq, it-toqob u madwar il-ġebla tal-ħalfa fl-imgħoddi kien imfittex mis-sajjieda għall-qarnit li kien jinqabad mill-post. Dawn il-fruq fil-blat u daħliet joffru post ideali fejn jgħixu u jkabbru ż-żgħar tagħhom. Il-ġebla tal-ħalfa toffri kenn mill-maltemp tal-baħar mqalleb speċjalment meta r-riħ ikun qawwi mill-grigal u l-mewġ iħabbat b'saħħa magħha.

Fil-bnazzi għawma sabiħa mill-art għall-ġebla tal-ħalfa u lura, hija distanza ideali. Dan il-baħar ta' bejn il-ġebla tal-ħalfa u l-art hu ġenna tal-art għas-sajjieda mill-art u mill-baħar minħabba li huwa l-post fejn jistkenn il-ħut ta' kull xorta. Fl-imgħoddi aktar mil-lum, il-Qalin sajjieda kienu jqattgħu sigħat jistadu għal xi ikla ħut b'xejn. O żmien ħelu...Fejn int? ■

Referenzi:

BEZZINA, Joseph (2003), *Qala – The Village with Valleys and Views*, Gaulitana 24, A & M Printing Ltd, Il-Qala, Għawdex.

BUTTIGIEG, Anton (1971), *Il-Qala*, Orphan's Press, Għajnsielem, Għawdex.

Il-Gazzetta tal-Gvern, Numru 827/02 tal-20 ta' Settembru 2002.

Ministry of Education, *Localities with Conservation Value in the Maltese Islands* – Malta 1987.

*Nipproteġu l-wirt naturali tal-Gżejjer Maltin – 24, Il-ġebla tal-ħalfa*, In-Nazzjon, L-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2011, paġna 12.

*Protecting the natural heritage in the Maltese Islands (23)*, Il-ġebla taċ-ċawl, The Times, Saturday, January 2, 2010, page 11.

THEUMA, Lawrenz (2010), *Il-Qala matul iż-żminijiet*, A & M Printing, Ltd., Il-Qala, Għawdex.

XERRI, Dr Raymond (1996), *O żmien ħelu – L-Irdum il-Kbir u l-irdumijiet żgħar tar-raħal tal-Qala*, Leħen il-Qala – Awwissu 1997, paġni 18-19.

